MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2006

Appell Kriminali Numru. 322/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Vella talli fit-2 ta’ Awwissu 2005, ghall-habta ta’ 19.15 hrs. gewwa l-ghelieqi maghrufa bhala tal-Kuncizzjoni, limiti tar-Rabat, Malta, bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixkel lil Carmelo Vella I.D. 383342M ta’ ‘VellSche House’ Kuncizzjoni limiti tar-Rabat Malta, fil-pussess ta’ hwejgu meta ghalaq passagg li jaghti access ghar-raba tieghu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-8 ta’ Novembru 2005 li

permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Anthony Vella hati ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghal multa ta’ tletin liri Maltin (Lm30) u ordnat li l-fetha terga’ tigi miftuha fi zmien tmint (8) ijiem mid-data tas-sentenza taht penali ta’ zewg liri Maltin (2) kuljum fin-nuqqas;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' Anthony Vella pprezentat fl-14 ta’ Novembru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u htija;
Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant fil-qosor huma s-segwenti: (1) l-elementi kostituttivi tar-reat ta’ ragion fattasi ma jirrizultawx; (2) id-data u l-hin li fihom twettaq il-fatt materjali mhumiex id-data u l-hin msemmija fl-imputazzjoni.

Din il-Qorti sejra tikkunsidra l-ewwel it-tieni aggravju. L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti sabitu hati ta’ l-imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu, u cioe` talli wettaq dan ir-reat ta’ ragion fattasi fit-2 ta’ Awissu 2005 fis-7.15 p.m., u dan meta mill-provi prodotti rrizulta illi l-hajt in kwistjoni kien inbena u l-fetha nghalqet fil-bidu ta’ Gunju 2005. Id-data u l-hin msemmija fic-citazzjoni huma d-data u l-hin meta l-kwerelant intebah illi kien inbena l-hajt imsemmi u ghalhekk l-imputazzjoni kif dedotta ma setghetx tirrizulta. L-appellant jirreferi ghas-subartikolu (2) ta’ l-artikolu 360 tal-Kap. 9 li jipprovdi li: **“Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta’ l-akkuza, bil-partikularitajiet ta’ zmien u ta’ lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw.”** Jghid li ghalkemm mhuwiex mehtieg illi c-citazzjoni taghti indikazzjoni taz-“zmien” billi ssemmi l-hin preciz illi fih ikun allegatament twettaq ir-reat (ghalkemm fdan il-kaz il-prosekuzzjoni ghazlet illi ssemmi tali hin b’mod preciz – 19.15 hrs.),

pero` huwa mehtieg illi tinghata indikazzjoni cara taz-zmien illi fih allegatament twettaq ir-reat. L-appellant ikompli josserva li gie akkuzat li wettaq dan ir-reat f'data u hin preciz meta mill-provi jirrizulta illi l-fatt materjali sehh xhur qabel.

L-appellant ghandu ragun. Il-prosekuzzjoni ntrabtet b'data u sahansitra hin partikolari. Kien ikun mod iehor li kieku, per ezempju, ic-citazzjoni kienet tirreferi ghat-"2 ta' Awissu 2005 u l-ahhar xhur qabel dik id-data" peress illi tali frazi kienet tinkorpora anke x-xahar ta' Gunju ta' dik is-sena. Ta' min ifakkar ukoll illi l-perijodu preskrittiv ghar-reat ta' ragion fattasi huwa dak ta' sentejn, u dan skond il-paragrafu (e) ta' l-artikolu 688 tal-Kap. 9. Jigifieri l-azzjoni kriminali hi istitwibbli kontra persuna li allegatament wettqet ir-reat ta' ragion fattasi entro dak il-perijodu ta' sentejn.

F'dan il-kaz, l-appellant gie akkuzat illi wettaq l-imsemmi reat fit-2 ta' Awissu 2005 fis-7.15 p.m. Mix-xiehda li semghet din il-Qorti jirrizulta li l-appellant tella' l-hajt imsemmi f'Gunju 2005. Ghalhekk in kwantu huwa gie akkuzat li ghalaq passagg "fit-2 ta' Awissu 2005 ghall-habta ta' 19.15 hrs." ma jistax jigi dikjarat hati.

Konsegwentement it-tieni aggravju ta' l-appellant qieghed jigi milqugh u m'hemmx lok li jigi kkunsidrat ukoll l-ewwel aggravju li din il-Qorti qed tastjeni milli tikkunsidra.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi, filwaqt illi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-ewwel aggravju ta' l-appellant, tilqa' t-tieni aggravju ta' l-appellant u ghalhekk tilqa' l-appell billi tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjoni <u>kif dedotta</u> u ghalhekk tilliberah minn tali imputazzjoni u piena.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------